Dakinhar kien kollox **iswed.** U fl-iswed ma tara **xejn.**

## Kapitlu 1

# Dakinhar billejl

Il-kamra tal-mamà kienet sewda daqs id-dlam. Ta' Mel sewda faħma. Tiegħi sewda tuta. U jien ma stajtx norqod. Il-karta li bagħtitli r-Reġina Fidelja ma stajtx naqraha iktar f'dak id-dlam kollu. Imma l-kliem kont nafu bl-amment:

Defdemola tiegħek qiegħda maqfula f'bir kollu ilma. Imma tinkwetax ħafna. Għandha barmil.

Xejn ma beda jagħmel sens dakinhar billejl.

Għaliex qed tgħidli li Defdemola hija tiegħi? Mela Defdemola tiegħi ajma?! U għaliex ħaditli l-barmil? X'tista' tagħmel Defdemola bil-barmil tiegħi? Dak ma jagħmel l-ebda maġija. U proprju, proprju, din ir-Reġina lil min trid taħt idejha? Lili jew lil Defdemola? Jew inkella għadha trid tpattiha lir-Re Pankrazju? F'dak il-każ, x'għandha x'taqsam Defdemola? Għax ma tisraqx lir-Re jekk għadha rrabjata miegħu?!

Imma kemm tiflaħ tkun kattiva r-Reġina Fidelja. Kif ma tegħjiex!

Dakinhar billejl, l-istess lejl li bgħatt ittra lir-Re Pankrazju u minflok irċivejt lura mingħand ir-Reġina Fidelja, ma stajtx norqod. U allura mort inqajjem lil Mel.

“Mel!”

“Haw!”

“Int rieqda?”

“Nofsni!”

“Kif baqgħu ma sejħulniex biex ngħinuhom insibu lil … ”

“Ma nafx.”

“Jaqaw bin-nervi?”

“Iva. U issa mur ipprova orqod għax għalxejn se noqogħdu mqajmin. Mhux meta jridu huma jsejħulna! Din vera qed iddejjaqni jien. Aħna ma nistgħux naqbdu u mmorru meta rridu aħna. Kollox kif iridu huma.”